MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 83/2002/1

**Mary Stevens, Josephine Borg u Emily Xuereb ilkoll werrieta tad-defunta Annie Borg**

**Vs.**

**Terezin Bellotti**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-atturi fil-31 ta' Jannar 2002 permezz ta' liema jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' elfejn u tmienja u ghoxrin Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,028.25) [illum ekwivalenti ghal erbat elef seba' mija erbgha u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmu €4,724.55] rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuti lilhom bhala werrieta tad-defunta Annie Borg b'segwitu ta' self *brevi manu*; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta permezz ta’ liema eccepiet illi: (i) preliminarjament kull pretensjoni da parte ta’ l-atturi tinsab preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2156(d) u (e) tal-Kodici Civili; (ii) in linea sussidjarja l-ammont mitlub huwa ezagerat stante li giet prattikata l-uzura u se mai huma l-atturi li huma debituri taghha; u (iii) l-atturi ghandhom jirritornaw l-oggetti li gew mhollija ma’ Annie Borg bhala rahan;

Rat ix-xhieda moghtija minn Mary Stevens waqt is-seduti ta’ l-14 ta’ Ottubru 2003[1], 9 ta’ Frar 2004[2], 15 ta’ Novembru 2006[3], 6 ta’ Gunju 2007[4] u 19 ta’ Jannar 2009[5]; minn Terezin Bellotti waqt is-seduta tad-9 ta’ Frar 2004[6], minn Guza Camilleri waqt is-seduti tat-8 ta’ Mejju 2006[7] u 26 ta’ Gunju 2006[8], minn Robert Hayden waqt is-seduti tas-17 ta’ Ottubru 2007[9] u 23 ta’ Jannar 2008[10] u minn Lonza Azzopardi waqt is-seduti tas-16 ta’ Gunju 2008[11] u 15 ta’ Ottubru 2008[12];

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-original tal-pitazz relativ ghall-ammonti moghtija b’self lill-konvenuta u pagamenti minnha effettwati a fol. 36 tal-process, fotokopji ta’ dan l-istess pitazz u rendikont ta’ dak dovut mill-konvenuta ppreparat mill-atturi a fol. 37 sa’ 61 tal-process u fotokopja ohra ta’ l-istess rendikont a fol. 66 tal-process u dokument li jirreferi ghal ammont dovut minn certa Antonia Hayden lil Annie Borg a fol. 102 tal-process;

Rat is-sentenza preliminari pronuncjata fl-14 ta’ Marzu 2007 bis-sahha ta’ liema giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta u il-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni u decizjoni fuq il-meritu u l-

[1] Fol. 15 tal-process.
[2] Fol. 21 sa’ 24 tal-process.
[3] Fol. 77 sa’ 79 tal-process.
[4] Fol. 88 sa’ 91 tal-process.
[5] Fol. 115 u 116 tal-process.
[6] Fol. 17 sa’ 20 tal-process.
[7] Fol. 63 u 64 tal-process.
[8] Fol. 74 u 75 tal-process.
[9] Fol. 93 sa’ 95 tal-process.
[10] Fol. 100 u 101 tal-process.
[11] Fol. 105 tal-process.
[12] Fol. 112 u 113 tal-process.

eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuta; bl-ispejjez riservati.

Rat l-atti u dokumenti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar il-meritu ta' l-azzjoni attrici u t-tieni u tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-atturi jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' Lm2,028.25 (illum ekwivalenti ghal €4,724.55) rapprezentanti bilanc minn somma akbar moghtija b'self *brevi manu* minn ommhom Annie Borg lill-istess konvenuta.

L-ewwel eccezzjoni ghat-talba attrici sollevata mill-konvenuta kienet dik tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(d) u (e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema eccezzjoni giet michuda bis-sahha ta' sentenza preliminari moghtija fl-14 ta' Marzu 2007. Ghalhekk issa jehtieg li jigi determinat il-meritu ta' l-azzjoni attrici mehuda in konsiderazzjoni però it-tieni u tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta. Huwa proprio dwar dan li tittratta din is-sentenza.

Kif johrog ferm car min-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta, oltre l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156(d) u (e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess konvenuta eccepiet ukoll illi: (a) l-ammont mitlub mill-atturi huwa ezagerat billi giet ipprattikata l-uzura fil-konfront taghha u ghalhekk se mai huma l-atturi li huma debituri taghha; u (b) li l-atturi ghandhom iroddulha lura l-oggetti imhollija b'rahan ma' ommhom Annie Borg.

Fil-kors tas-smigh tal-kawza però l-konvenuta adottat linea difensjonali ohra, u cioè illi hi ma hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-atturi ghaliex hi kienet iva, tiehu flus

minghand Annie Borg izda, mhux ghaliha personali imma ghal terzi persuni[13].

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-atturi gustament osservaw illi l-konvenuta ma ssollevat ebda eccezzjoni formali fis-sens li ma hijiex il-legittimu kontradittur taghhom u ghalhekk jikkontendu li din il-linja difensjonali taghha ghandha tigi skarata minn din il-Qorti. Da parte taghha l-konvenuta, filwaqt li tirrikonoxxi li ma ressqitx eccezzjoni formali f'dan is-sens, issostni li din il-linea difensjonali taghha ghandha xorta wahda tigi indirizzata minn din il-Qorti.

Jigi osservat illi huwa principju guridiku assodat fis-sistema nostrali li *skond kif provdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji". Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta* – **Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited, Appell Civili 148/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005.
Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell kompliet tghid *l-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in re "John Mary Vella et v. Winston Azzopardi nomine", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issewgi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728(1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-*

[13] Xhieda moghtija mill-konvenuta waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2004 a fol. 17 tal-process.

*eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu. Kif saput il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jipreskrivi certu konvezjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita*.

L-import ta' dan l-insenjament guridiku huwa ferm evidenti u fid-dawl ta' l-istess isegwi li, kontra dak pretiz mill-konvenuta, fin-nuqqas ta' eccezzjoni formali debitament sollevata fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet illi l-konvenuta ma hijiex legittimu kontradittur ta' l-atturi, din il-Qorti hija prekluza milli tindirizza l-linea difensjonali adottata mill-konvenuta waqt is-smigh tal-kawza.

Madanakollu b'daqshekk ma jfissirx li fin-nuqqas ta' eccezzjoni formali li l-konvenuta ma hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-atturi hija awtomatikament tirrizulta debitrici taghhom fl-ammont minnhom pretiz. In effetti huwa principju guridiku assodat fis-sistema nostrali li f'azzjoni ghall-hlas ta' kreditu *skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali teighu illi l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar "prima facie" jistabilixxi t-tezi tieghu illi mbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut* – **Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Civili Nru. 554/00** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003*.*

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell iccitat l-awtur Phipson li fil-ktieb tieghu "On Evidence"[14] qal *in civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case.* Dan l-awtur jispiega wkoll (op cit. para 91) illi r-regola *"ei qui affirmat non ei qui negat imcumbit probatio" is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the* <u>*first*</u> *to prove his case*.

---

[14] 11th Edition, para 103.

Wara li ezaminat il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti l-Qorti hija tal-fehma li l-atturi rnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfacenti li l-konvenuta kienet tissellef ghaliha personalment flus minghand ommhom Annie Borg u mhux biss bhala intermedjarja ghal terzi persuni, kif invece allegat mill-konvenuta.

L-aqwa prova f'dan ir-rigward l-atturi rnexxielhom jaghmluha permezz tax-xhieda tal-konvenuta stess meta tellghuha tixhed waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2004.

Waqt l-imsemmija seduta l-konvenuta ddikjarat illi *nikkonferma li jiena kont issellift xi flus minghand Annie Borg … Jiena kont issellift dal-flus mhux ghalija izda ghal nies ohrajn u Annie Borg kienet taf dwar dan*[15]. Izda fl-istess nifs qalet ukoll illi *l-ahhar hlas ghamiltu jiena lil Mary Stevens.* ***Niftakar meta mietet Annie Borg kien ghad fadalli naghti madwar elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300) mhux inkluz pero l-imghax***[16]. *Wara baghtitli pero messagg Mrs. Stevens, l-attrici, li jiena kelli naghtiha tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Fil-fatt jiena hallasthom pero wara qatli ukoll li kelli naghtiha hamest elef lira Maltin (Lm5,000). Wara li nfethet din il-kawza pero Mrs. Stevens qaltli li l-ammont dovut kien telgha ghal sebat elef lira Maltin (Lm7,000). Dwar il-pagament qatt ma zammejt kitba. Kienet tikteb Mrs. Stevens fuq il-ktieb taghha u jiena qatt ma zammejt record tal-pagamenti. Waqt il-kawza ma sar l-ebda hlas.* ***Qabel il-kawza jiena nahseb li kont ilni ma naghti u nhallas lura lil Mary Stevens jew xi hadd mill-atturi l-ohrajn mis-sena 2000. Meta ghamilt l-ahhar pagament jiena ghidt lill-attrici Mary Stevens li nahseb li hallast bizzejjed anzi ghidtilha "Hallast iz-zejjed u hallast biz-zejjed"***[17].

Dak dikjarat mill-konvenuta fix-xhieda taghha certament ma jistax jinftiehem bhala d-diskors ta' persuna li kienet **biss** intermedjarja bejn Annie Borg u terzi persuni li kienu jissellfu flus minghand l-istess Annie Borg. Ghalkemm

[15] Fol. 17 tal-process.
[16] Enfasi tal-Qorti.
[17] Fol. 18 u 19 tal-process. Enfasi tal-Qorti.

mill-provi prodotti rrizulta li kien hemm terzi persuni li ssellfu flus minghand Annie Borg, uhud minnhom anke tramite l-intervent tal-konvenuta bhal ad esempju Cettina Schembri, Giorgina Spiteri u Antonia Hayden – fatt dan rikonoxxut mill-atturi wkoll – ix-xhieda tal-konvenuta in verità tikkostitwixxi ammissjoni da parte taghha li hi kienet tissellef minghand Annie Borg flus ghaliha personali wkoll. Kieku kien mod iehor il-konvenuta certament ma kenitx thossha obbligata li personalment thallas lura lil Annie Borg il-flus ottenuti minghandha.

Fattur iehor li juri bic-car illi l-konvenuta tammetti li sselfet flus minghand Annie Borg ghaliha personali u mhux biss bhala intermedjarja ghal terzi persuni johrog mit-tieni eccezzjoni minnha sollevata ghat-talba attrici.

Il-konvenuta teccepixxi li t-talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda ghaliex l-ammont minnhom pretiz huwa ezagerat in kwantu giet ipprattikata l-uzura fil-konfront taghha u se mai huma l-istess atturi li huma debituri taghha.

Din l-eccezzjoni, u **partikolarment l-allegazzjoni li l-atturi huma debituri tal-konvenuta**, turi bic-car li r-relazzjoni li kien hemm bejn il-konvenuta u Annie Borg ma kenitx biss wahda rizultanti minn self ottenut mill-konvenuta bhala intermedjarja ghal terzi persuni izda, self ottenut mill-istess konvenuta ghaliha personali.

Stabbilit illi l-konvenuta ottjeniet self ghaliha personali minghand Annie Borg, jehtieg issa jigi determinat jekk il-konvenuta llum ghadhiex debitrici ta' l-atturi fl-ammont minnhom pretiz ta' Lm2,028.25, ekwivalenti ghal €4,724.55.

L-atturi jikkontendu li l-konvenuta hija debitrici taghhom fl-ammont ta' Lm2,028.25, ekwivalenti ghal €4,724.55, in bazi ghal rendikont ippreparat minn Mary Stevens, esebit a fol.37 tal-process, li a sua volta gie ippreparat skond informazzjoni u dettalji li jirrizultaw mill-pitazz esebit mill-attrici Mary Stevens a fol. 36 tal-process.

Skond l-attrici dan il-pitazz jirreferi ghas-self maghmul direttament lilll-konvenuta, hlief ghal dawk l-entrati li jirreferu ghal Cetta ta' Dussa, Georgina tifla ta' Tona u Tona, **u** dawk l-entrati fl-ahhar erba' faccati tal-pitazz li jirreferu ghal hlasijiet li kienu dovuti mill-istess Mary Stevens lill-ommha meta din kienet ghadha hajja. Dawn l-entrati lkoll ma humiex inkluzi fis-somma minnhom mitluba minghand il-konvenuta. Minn dan il-pitazz jirrizultaw ukoll il-pagamenti li gew effettwati mill-konvenuta sa' l-1991 u mid-dokumenti a fol. 38, 39 u 40 tal-process jirrizultaw il-hlasijiet li saru mill-istess konvenuta bejn l-1991 u l-2001 – l-originali ta' dawn id-dokumenti gew esebiti flimkien mal-pitazz a fol. 36 tal-process.

L-attrici spiegat illi meta kienet ghadha hajja ommha kien hemm zewg pitazzi fir-rigward tas-self maghmul lill-konvenuta w id-dettalji f'dawn il-pitazzi kienu jitnizzlu mill-konvenuta stess. Wara li mietet Annie Borg id-dettalji ta' dawn iz-zewg pitazzi gew inkorporati f'pitazz wiehed – ossia dak esebit in atti – ippreparat mill-konvenuta stess.

Mary Stevens xehdet illi *il-mama fil-fatt kienet taghti pitazz lill-konvenuta Terezin Bellotti u kienet Terezin Bellotti li kienet tnizzel hi stess fuq il-pitazz il-pagament li jkun sar. Kien hemm nies ohra li sselfu flus minghand ommi pero ma kienx hemm hafna ohrajn. Il-mama kellha xi kotba pero fi kliemi stess illum spiccaw. Oltre dawk li qed naghmel referenza ghalihom illum m'hemm l-ebda kotba ohrajn u qatt ma kien hemm kotba ohrajn in konnessjoni ma' Terezin Bellotti. Niftakar meta mietet il-mama in rigward Terezin Bellotti kien hemm zewg pitazzi. Kienet giet l-istess konvenuta ghandi u qaltli "Ghaliex ma naghmlux pitazz wiehed" u kienet hi stess nizzlet kollox f'pitazz wiehed. Nghid li ma kien hemm xejn imnizzel dwar lil min kellu jkun kull self in konnessjoni mal-flus moghtia lil Terezin Bellotti. Hawnhekk fil-fatt nghid li kien hemm wahdiet. Hawnhekk nixtieq nghid li fuq il-ktieb li qed naghmel referenza ghalih m'hemmx imnizzel meta kien sar l-ahhar pagament ta' Mrs Bellotti. Skond il-pitazz tal-mama l-ahhar pagament kien sar fin-1991. Issa imbaghad bdejt innizzel il-pagamenti jien. U skond dawn l-ahhar*

*notamenti tieghi li jidher li l-ahhar pagament ta' Mrs. Bellotti sar f'April 2001*[18].

Waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju 2007 Stevens kompliet tghid illi *in rigward il-pitazz esebit fil-Qorti kienet tippreparah u tikteb fuqu l-istess konvenuta. Niftakar illi fil-pitazz, meta jiena kont rajtu, kien hemm kontijiet imnizzlin mill-istess konvenuta. Fil-pitazz m'hemmx kont wiehed. Biex nispiega ahjar fuq naha wahda tal-pitazz hemm kont fejn hemm imnizzel minn meta beda jsir il-hlas u fuq il-pagni l-ohra hemm kontijiet simili*[19]. In kontro-ezami xehdet illi *nixtieq nispiega illi kien hemm zewg kotba. Dan kien wara illi mietet ommi. Kienet giet fil-fatt Terezin Bellotti u hi qalet illi ahjar naghmlu pitazz wiehed u jiena hallejt Bellotti. Dawn iz-zewg pitazzi kienu jinvolvu biss wahedha lill-konvenuta. Jiena tajt dawn iz-zewg pitazzi lill-konvenuta u rrangat kollox hi. Wiehed minn dawn iz-zewg pitazzi kien kollu mqatta', armejtu. L-iehor aggornat qieghed esebit in atti. Fil-fatt dak il-pitazz l-iehor li xtaqet Bellotti kien l-istess pitazz illi kellha ommi però b'informazzjoni mill-pitazz imnizzla mill-istess Bellotti. Hawn hekk qed nigi mistoqsija fil-fatt, jekk ommi kellha pitazz wiehed biss kollu mgerfex u sussegwentement jiena u Mrs. Bellotti bejnietna ghamilna pitazz gdid. Dan mhux minnu. Dan kollu kien sar minn Terezin Bellotti fid-dar tieghi, però jiena ma qadtx il-hin kollu maghha. Wara lanqas ma vverifikajt. Jiena hallejt kollox f'idejha. Dawn iz-zewg pitazzi fil-fatt dejjem baqghu fil-pitazz tieghi. Qed nigi mistoqsija jekk ghandix ir-rekords tal-pagamenti kollha illi saru meta kienet ghadha hajja ommi minn Mrs. Bellotti. Kollox jinsab esebit il-Qorti. Ghar-rigward il-kontijiet li kienu ghadhom fuq l-ewwel pitazz u ma kienux imhallsin. Dawn tnizzlu fil-pitazz tieghi. Ahna fil-pitazzi kien hemm imnizzlin fil-fatt il-hlas illi kien sar. Fuq domanda tal-Qorti stess, fuq il-pitazz ommi kienet tnizzel il-hlasijiet però effettivament il-hlasijiet kienu jitnizzlu minn Terezin Bellotti*[20].

---

[18] Fol. 22 u 23 tal-process.
[19] Fol. 88 u 89 tal-process.
[20] Fol. 90 u 91 tal-process.

Dak affermat minn Mary Stevens fir-rigward ta’ dan il-pitazz u l-kontenut tieghu ma giex sodisfacentement kontradett u mxejjen mill-konvenuta. Hawn jerga’ jigi ribadit illi dak allegat mill-konvenuta waqt is-smigh tal-kawza, ossia li hi sselfet flus minghand Annie Borg biss bhala intermedjara ghal terzi persuni u mhux ghaliha personali, gie kontradett mill-istess konvenuta bix-xhieda taghha waqt is-seduta tad-9 ta’ Frar 2004, u mill-bqija l-konvenuta kkontestat it-talba attrici biss in bazi ghall-eccezzjoni li giet prattikata l-uzura fil-konfront taghha u ghalhekk se mai huma l-atturi li huma debituri taghha u li fi kwalunkwe kaz l-atturi ghandhom jirroddulha lura l-oggetti minnha moghtija b’rahan lil Annie Borg.

Il-Qorti ghalhekk ma ssib ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taccetta bhala veritjera l-affermazzjoni ta’ l-atturi li l-pitazz minnhom esebit a fol. 36 tal-process jirreferi ghas-self moghti lill-konvenuta, hlief ghal dawk l-entrati eccettwati imsemmija iktar ‘l fuq.

Madanakollu biex tasal ghad-decizjoni jekk is-somma pretiza mill-atturi hijiex effettivament dovuta lilhom mill-konvenuta, din il-Qorti necessarjament ghandha tittratta t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioè li l-ammont mitlub hu ezagerat stante li giet ipprattikata l-uzura u se mai huma l-atturi li huma debituri taghha.

Fir-rigward tal-hlas ta’ imghax in eccess tar-rata permessa mill-Ligi, il-partijiet kontendenti ressqu diversi xhieda, fosthom Guza Camilleri[21], Lonza Azzopardi[22] u Robert Hayden[23], bl-iskop, fost affarijiet ohra, li jigi stabbilit jekk Annie Borg kenitx izzomm imghax fuq is-self moghti minnha u jekk dan kienx imghax b’rata in eccess tar-rata legali stabbilita mill-Ligi. Fil-fehma tal-Qorti però dak li rrizulta mix-xhieda moghtija minn dawn il-persuni ftit li xejn jitfa’ dawl fuq dak li seta’ kien miftiehem bejn Annie Borg u

21 Seduti 8 ta’ Mejju 2006 a fol. 63 u 64 tal-process u 26 ta’ Gunju 2006 a fol. 74 u 75 tal-process.
22 Seduti 16 ta’ Gunju 2008 a fol. 105 u 106 tal-process u 15 ta’ Ottubru 2008 a fol. 112 u 113 tal-process.
23 Seduti 17 ta’ Ottubru 2007 a fol. 93 u 94 tal-process u 23 ta’ Jannar 2008 a fol. 100 u 101 tal-process.

l-konvenuta fir-rigward tal-hlas ta' imghax ghas-self moghti lill-konvenuta.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-aqwa prova f'dan ir-rigward tohrog mhux minn dawn ix-xhieda izda mill-pitazz esebit mill-atturi a fol.36 tal-process. Minn dan il-pitazz jirrizulta li f'okazzjonijiet minnhom Annie Borg kienet tippretendi hlas ta' imghax fuq is-self moghti u xi drabi r-rata ta' imghax minnha pretiza kienet in eccess tar-rata legali.

Il-Qorti tinnota li l-istess atturi ma hassewhomx komdi jichdu li ommhom kienet izzomm imghax b'rata in eccess tar-rata legali u semplicement illimitaw ruhhom li jghidu illi *fil-fatt ma' Terezin Bellotti kienet tiddijlija maghha ommi u ma nafx kemm kienet tiehu imghax ommi*[24]*… Ma nafx kemm kienet izzomm imghax ommi. Fuq dawn l-affarijiet jiena u ommi ma tkellimnix. Anki illum ma nafx kemm ommi kienet izzomm imghax lill-konvenuta*[25]. Barra minn hekk l-istess atturi ddikjaraw li fi kwalunkwe kaz l-ammont minnhom mitlub ma jinkludi ebda imghax[26] izda, kif rilevat anke waqt it-trattazzjoni mill-abbli difensur taghhom, huwa jikkostitwixxi biss il-kapital jew ahjar il- bilanc mill-kapital dovut.

Stabbilit illi f'certa okkazzjonijiet ir-rata ta' imghax ipprattikata minn Annie Borg fil-konfront tal-konvenuta kienet in eccess tar-rata legali, jehtieg issa jigi determinat jekk it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta kontra t-talba attrici hijiex ghal kollox gustifikata.

Issir referenza ghall-principji guridici assodati in materia ta' uzura li jipprovdu illi: (a) *normalment ir-rata ta' l-uzura ghandha titnaqqas sar-rata permessa mill-ligi; izda meta l-attur jitlob biss l-imghax minn certa data, dan l-imghax ghandu jigi akkordat minn dik id-data. Jekk il-Qorti taghti l-imghax legali mid-data meta sar is-self, tkun qieghda*

---

24 Xhieda ta' l-attrici Mary Stevens in kontro-ezami waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2006, fol. 77 u 78 tal-process.
25 Xhieda ta' l-attrici Mary Stevens waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju 2007, fol. 88 u 89 tal-process.
26 Xhieda ta' l-attrici Mary Stevens waqt is-seduta tas-6 ta' Gunju 2007, fol. 90 tal-process u rendikont a fol. 37 tal-process.

*tiddeciedi "ultra petita"*[27]*;* (b) *flus li jigu moghtija b'self huma suggetti ghar-regoli li jiggovernaw is-self avvolja d-denominazzjoni li tinghata lill-att tkun diversa; u ghalhekk, fil-kaz li l-imghax ma jkunx gie miftiehem, ir-rata tieghu ghandha titqies dik tal-hamsa fil-mija fis-sena* [ir-rata applikabbli fiz-zmien meta inghatat is-sentenza fejn gie enuncjat dan il-principju]*; u jekk ikunu thallsu imghaxijiet izjed minn dak permess mill-ligi, iz-zejjed jitnaqqas mill-kapital*[28]; (c) *il-konvenzjoni affetta b'uzura hija ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghaliex projbita mill-ligi…; u hija illecita fir-rigward tal-mutwant (ara sentenza ta' din il-Qorti in re: "Carmelo Lia vs. Emmanuele Genovese" ta' l-4 ta' Marzu 1938). Ghalhekk is-somma mhallsa bhala uzura ghandha tigi restitwita lil min hallasha u ma tista' qatt tifforma oggett ta' obbligazzjoni naturali*[29].

L-import tal-precitati principji guridici huwa ferm car: (i) il-hlas ta' imghax b'rata in eccess tar-rata legali ma ghandux jigi permess; **u** (ii) iz-zejjed li thallas bhala imghax b'rata in eccess ta' dik stabbilita mill-Ligi ghandu jigi restitwit lil min ikun hallsu.

L-atturi jiddikjaraw li l-ammont minnhom mitlub minghand il-konvenuta jirrapprezenta biss il-bilanc mill-kapital moghti b'self u ma jinkludi ebda imghax u ghalhekk jikkontendu li l-ammont kollu minnhom pretiz huwa effettivament dovut lilhom mill-konvenuta.

Dak affermat mill-atturi fir-rigward tal-fatt li huma qed jitolbu biss kapital huwa minnu ghaliex meta r-rendikont ippreparat mill-attrici Mary Stevens u esebit a fol.37 tal-process jigi pparagunat ma' l-entrati tal-pitazz a fol. 36 tal-process jirrizultaw ferm evidenti zewg fatturi: (a) illi l-atturi kkonteggjaw biss il-kapital misluf lill-konvenuta minghajr

---

27 Alfred Tonna v. Jennie Gauci, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Lulju 1946 – Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXIID – ii – 426.

28 Francesco Mifsud v. Leone Agius, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 1958 – Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XLIID – ii – 952.

29 Lorenza Bellia v. Carmelo Zammit, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Gunju 1945 – Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXIIA – i – 263.

ma hadu in konsiderazzjoni l-imghax mitlub minn ommhom; u (b) il-pagamenti kollha effettwati mill-konvenuta gew allokati verso l-kapital.

B'hekk dak li seta' thallas mill-konvenuta verso l-imghax konteggjat b'rata in eccess mir-rata legali gie allokat mill-atturi esklussivament verso l-kapital misluf b'dana li dak imhallas in eccess effettivament qed jittiehed in konsiderazzjoni a favur il-konvenuta w il-bilanc attwalment dovut mill-kapital misluf huwa in effetti ta' Lm2,028.25, ekwivalenti ghal €4,724.55, kif mitlub mill-atturi.

Il-konvenuta in oltre tikkontendi li minhabba l-fatt illi giet ipprattikata l-uzura fil-konfront taghha in verità huma l-atturi li huma debituri taghha. Hija tghid li fiz-zmien meta mietet Annie Borg kellha taghti biss madwar Lm1,300 izda bhala fatt hallset madwar Lm3,000. Il-kovnenuta però naqset milli tipprova b'mod sodisfacenti dak minnha allegat ghaliex ma ressqet ebda prova li turi li hija ghamlet iktar hlasijiet verso s-self moghtija lilha minn dawk indikati u rikonoxxuti mill-atturi.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda.

F'dan l-istadju l-Qorti thoss li ghandha tittratta kwistjoni sollevata mill-konvenuta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u cioè li mill-pitazz esebit a fol.36 tal-process jirrizulta li parti mis-self li sar lill-konvenuta sar mill-attrici Mary Stevens u ghalhekk il-hlas lura ta' din il-parti mis-self ma jistax jintalab mill-atturi bl-azzjoni odjerna billi huma ppromuovu dawn il-proceduri bhala werrieta tad-defunta ommhom Annie Borg.

Waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2009[30] Mary Stevens iddikjarat illi *jiena lill-konvenuta qatt ma tajtha flus. Però ommi gieli kienet tigi ghandi tghidli ghandek xi haga. Jiena kont naghtiha flus lil mama imbaghad thallasni hi. Jiena naf illi l-mama tat dawn il-flus lil Terezin peress li dak miktub fuq din il-faccata inkiteb minn Terezin stess. Fil-fatt*

[30] Fol. 115 u 116 tal-process.

*ismi jidher fuq diversi minn dawn il-faccati. Fejn hemm imnizzel Annie din hija l-mama. Fil-fatt dak kollu imnizzel f'dan il-pitazz jindika dak kollu misluf lill-konvenuta mill-mama, minni u minn ohti*[31].

Minn din id-dikjarazzjoni ta' l-attrici Mary Stevens johrog car illi hi personalment qatt ma ghaddiet flus lill-konvenuta izda, parti mis-self moghti lill-konvenuta minn Annie Borg gie ottenut mill-istess Annie Borg minghand uliedha Mary Stevens u Josephine Borg.

Fil-fehma tal-Qorti l-mod kif Annie Borg ottjeniet il-flus li tat b'self lill-konvenuta ma ghandux jipprekludi lil jew ikun ta' ostakolu ghall-atturi li jitolbu l-hlas lura ta' tali ammont minghand l-istess konvenuta bil-proceduri odjerni.

Fl-ewwel lok mill-provi jirrizulta car li r-relazzjoni guridika konsegwenti ghas-self kienet esklussivament bejn il-konvenuta u Annie Borg, u dana indipendentement minn fejn ottjeniet il-flus Annie Borg, u ghalhekk l-atturi qed jipprocedu b'mod korrett fil-konfront tal-konvenuta, u fit-tieni lok, una volta li lil din il-Qorti rrizultalha li l-konvenuta ghad jonqosha thallas bilanc ta' Lm2,028.25 (€4,724.55) mis-self minnha ottenut, Hi tinsab fakoltizzata, partikolarment bhala Qorti ta' Sede Inferjuri, li tiddeciedi fuq tali dritt iehor li rrizulta anke jekk ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-Avviz.

Din l-ahhar konsiderazzjoni hija bbazata fuq il-principju guridiku enuncjat f'diversi sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Design Elements Limited v. Michael P. Camilleri pro et noe, Appell Civili Nru. 2399/97** deciza fl-20 ta' Ottubru 2004, li *hu ritwalment rikjest bl-Artikolu 156(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni ghandhom ikunu mfissra car u sewwa u in linea ta' principju dawn ma jistghux jigu mibdula jew aggunti. Tant li jinsab enuncjat f'bosta sentenzi illi l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni u ma tistax tiddeciedi fuq*

---

31 Fol. 115 tal-process. Enfasi tal-Qorti.

*xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni (Kollez Vol. XXXIX pI p243). Fi kliem iehor il-kawzali tad-domanda hija dik espressa fic-citazzjoni u mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (Kollez Vol. XXXIV pI p108). Gie però enuncjat ukoll illi f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni l-Qorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorrilha, tipprovdi fuq il-meritu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullità (Kollez Vol XXIX pII p698; Vol. XLVIII p II p777). Dan in omagg ghal dak il-hsieb ispiratur, traccjat f'bosta decizjonijiet, li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoragixxi l-formalizmu rigidu li "si attaccava con troppa severità e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell'amministrazione della giustizia in generale" (Kollez Vol XXVI pI p424). U allura kien sostnut, "nulla osta a che dietro le prove da farsi si dichiari il vero carattere dei rapporti guridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra loro seguite, nello scopo di provvedere perche restino liquidati, se il caso cosi esigesse per la retta amministrazione della giustizia" (Kollez Vol X pagna 1). Aktar fundamentali minn hekk hu l-fatt illi l-Qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz. Dan hu dezunt bl-aktar mod car mit-test tal-ligi procedurali kif espress fl-artikolu 213 tal-Kap.12 abbinat ukoll ma' l-artikolu 171(1) ta' l-istess Kap. "Trattandosi di domanda introdotta per avviso nella Corte Inferiore la legge è meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse introdotta in una Corte Superiore" (Kollez Vol XXIV pI p615). Ifisser ghalhekk li l-pretensjoni tista' tkun artikolata bi kwalunkwe forma intelligibbli "e su tale domanda la Corte proceda 'sola facti vertate inspecta', applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore" (Kollez Vol XII pagna 316).*

Ghalhekk, is-sottomissjoni tal-konvenuta li permezz ta' l-azzjoni odjerna kif impostata fil-konfront taghha l-atturi ma

jistghux jirkupraw l-ammont kollu minnhom pretiz, ma hijiex guridikament sostenibbli u bhala tali qed tigi michuda.
Stabbilit dan kollu jonqos issa li tigi trattata u determinata t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta fejn teccepixxi li l-atturi ghandhom jirritornaw l-oggetti li gew mhollija ma' Annie Borg bhala rahan.

L-atturi jirrikonoxxu li l-konvenuta kienet tat cappetta lil Annie Borg b'rahan ghas-self li ottjeniet minghandha. In effetti l-attrici Mary Stevens xehdet illi *fil-fatt naf illi meta silfet il-flus lil Terezin Bellotti, ommi kienet hadet bhala rahan cappetta jew brazzuletta. Din il-brazzuletta jew cappetta fil-fatt qeghda fil-pussess tieghi*[32]*... Qed issirli referenza ghal pagna hamsa* [tal-pitazz a fol.36 tal-process]. *Dwar ic-cappetta hemm imsemmija jiena kont mort izintha u kull ma tawni taghha kien Lm150, kien hemm ukoll min tani inqas. Din ic-cappetta ghadha ghandi sa' illum. Jiena naf li din ic-cappetta tatha lil mama Terezin il-konvenuta*[33].

A tenur ta' l-Artikolu 1964 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *ir-rahan huwa kuntratt li jinholoq biex jaghmel tajjeb ghal obbligazzjoni. Ir-rahan jista' jinghata jew mid-debitur innifsu jew minn terza persuna ghad-debitur. Il-hwejjeg li jistghu jinghataw b'rahan huma hwejjeg mobbli u krediti u jeddijiet ohra dwar hwejjeg mobbli.*

L-Artikolu 1979 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li ***id-debitur ma jistax jitlob ir-radd tar-rahan sakemm ma jkunx hallas ghal kollox il-kapital, l-imghaxijiet u l-ispejjez tad-dejn li ghalihom ir-rahan ikun suggett***[34].

Applikat dan il-provvediment tal-Ligi ghall-konkluzzjoni raggunta minn din il-Qorti iktar 'l fuq f' din is-sentenza, ossia li l-konvenuta hija debitrici ta' l-atturi fis-somma ta' €4,724.55, jirrizulta immedjatament evidenti li sakemm dan il-hlas jigi effettwat il-konvenuta ma ghandha ebda jedd titlob ir-radd tar-rahan minnha moghti lil Annie Borg.

---

[32] Seduta tal-15 ta' Novembru 2006, fol. 78 tal-process.
[33] Seduta tad-19 ta' Jannar 2009, fol. 115 tal-process.
[34] Enfasi tal-Qorti.

Ghal kull buon fini jigi osservat illi fir-rigward ta’ oggetti ohra moghtija b’rahan lil Annie Borg ghal self moghti lil terzi persuni tramite l-intervent tal-konvenuta, l-attrici Mary Stevens iddikjarat li dawn l-oggetti kollha gew ritornati lill-proprjetarji taghhom u l-istess konvenuta ma ressqet ebda prova li sodisfacentement tikkontradici dan il-fatt.

Ghaldaqstant it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda wkoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad it-tieni u tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ erbat elef seba’ mija erbgha u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€4,724.55) [ekwivalenti ghal Lm2,028.25], bl-imghax legali dekorribbli mill-31 ta’ Jannar 2002 (id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz) sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u s-sentenza preliminari ta’ l-14 ta’ Marzu 2007, jibqghu a karigu ta’ l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------